14 ta' Diċembru, 1949.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Prof. Anthony J. Mamo ne. *versus* Nutar Giovanni Caruana

**Qorti Kolleġjali għar-Reviżjoni ta' l-Atti Notarili — Nutar — Provenzjenza tal-Fondi.**

*Meta jsir kuntratt ta' trasferiment ta' immobili jew ta' drittijiet reali immobiljari, in-nutar huwa obligat għall-finijiet tal-Kap. 70, meta t-trasferiment mhux imponibili, li jsemmi fil-kuntratt ir-raġunijiet għaliex dak it-trasferiment mhux imponibili; u dawn ir-raġunijiet għandhom jiġu ndikati b'mod ċar u b'dawk il-parti-*

*koluritajiet li jkunu meħtieġa biex tkun tista' tiġi verifikata l-korrettezza tad-dikjarazzjoni li t-trasferiment mhux suġġett għat-taxxa tas-suċċessjonijiet u donazzjonijiet.*

*Din id-dikjarazzjoni n-nutar huwa obbligat jagħmilha fuq ir-responsabilità tiegħu personali, u mhux billi joqgħod għal dak li jgħidulu l-partijiet.*

*In-nutar li jonqos mill-osservanza ta' dan l-obbligu jikser id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 70.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' l-Attorney General li, wara li qal illi fuq eżami ta' l-attijiet li rċieva l-imsemmi Nutar Giovanni Caruana ma' tul l-ewwel u t-tieni sitt xhur tas-sena 1948 il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Notarili, b'deċiżjoni tagħha tas-6 ta' Ġunju 1949 irrilevat, fost affarijiet oħra, illi l-imsemmi Nutar fl-att no. 48, oltre li ħalla lakuna, naqas li jagħti r-raġuni tajba il-għala l-fond ma kienx suġġett għall-Imposta tas-Suċċessjoni u Donazzjoni, billi qal biss li l-venditur xtara l-fond xi 38 sena qabel fl-atti tan-Nutar Farrugia minn għand ċertu Giovanni (u puntini minflok il-kunjom), mingħajr ma ta d-data tal-kuntratt, ħaġa li turi li huwa ma għamelx il-verifiki meħtieġa personalment, bi ksur ta' l-art. 28 (1) (2) tal-Kap. 70, u fuq dana l-pont irrimettiet lin-nutar fuq imsemmi quddiem l-istess Qorti Kolleġjali; illi l-Qorti Kolleġjali b'deċiżjoni tas-17 ta' Ġunju 1949, dwar dan il-pont fuq imsemmi, ikkonstatat illi fil-kuntratt kien hemm lakuna, però dwar id-dikjarazzjoni rikjesta mill-Ordinanza dwar it-Taxxa tas-Suċċessjoni u Donazzjoni (Kap 70) qalet li meta n-Nutar iddikjara li l-venditur kien xtara l-fond xi 38 sena ilu, u għalhekk ma kienx suġġett għall-imposta fuq suċċessjoni u donazzjoni, ottempera ruħu għall-liġi, peress li dak it-trasferiment ma kienx imponibili; u għalhekk ikkundannat lill-imsemmi nutar għall-ammonizzjoni u riprensjoni għall-ewwel kontravvenzjoni dwar il-lakuna, u lliberatu mill-imputazzjoni l-oħra;

Illi l-imsemmi Attorney General kien qiegħed jappella minn dik id-deċiżjoni. Skond l-art. 28 ta' l-imsemmija Ordinanza n-nutar huwa obligat illi jagħmel, fi kwalunkwe kuntratt ta' trasferiment ta' immobili, jew ta' drittijiet immobiljari, dikjarazzjoni tiegħu persunali fejn huwa, fuq ir-respon-

sabilità tiegħu, isemmi d-data li fiha saret id-denunzja tas-suċċessjoni u tħallset it-taxxa, jew li fiha ttieħed l-obligu tal-ħlas tagħha; jekk il-bini jew jeddijiet ma jkunux suġġetti għat-taxxa, in-nutar għandu jsemmi fl-att din iċ-ċirkostanza u jagħti r-raġuni tagħha. Din id-dikjarazzjoni għandha l-ewwelnett tkun tan-nutar, u mhux tal-partijiet, u kwindi n-nutar għandu jagħmilha fuq ir-responsabilità tiegħu u fuq indaġini li jkun għamel huwa stess. Fit-tieni lok għandha ssir b'mod ċar u eżawrjenti, u b'mod illi min jaqra l-kuntratt ikun jista' jivverifika l-korrettezza tagħha; kwindi ma huwiex biżżejjed illi n-nutar igħid illi l-fond jew dritt ġie għand il-venditur b'titolu ta' xiri, u lanqas illi jgħid li dak ix-xiri sar xi 38 sena ilu, u wisq inqas huwa biżżejjed illi n-nutar isemmi dawk iċ-ċirkustanzi fuq informazzjonijiet illi jkunu tawh il-partijiet fil-kuntratt;

U talab illi tiġi minn dina l-Qorti riformata d-deċiżjoni tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet tan-Nutari bħala Qorti Kolleġjali tas-17 ta' Ġunju 1947 u li minnha hemm appell, billi tikkonferma l-istess deċiżjoni fejn dik il-Qorti sabet linnutar fuq imsemmi ħati ta' l-ewwel kontravvenzjoni u kkundannatu għall-ammonizzjoni u riprensjoni, u tirrevokaha fil-parti fejn dik il-Qorti lliberat lill-istess nutar mill-imputazzjoni l-oħra; u hekk tiddeċidi billi tikkonferma l-konstatazzjoni ta' l-ewwel kontravvenzjoni u l-piena relativa, u billi ssib innutar ħati tat-tieni kontravvenzjoni u tikkundannah għall-piena skond il-liġi. Bl-ispejjeż;

Rat id-dokumenti eżibiti mar-rikors;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi (art. 28 (1) (2) tal-Kap. 70), fil-każ li l-fond mibjugħ bl-att notarili msemmi fir-rikors ma jkunx suġġett għall-ħlas hemm imsemmi, in-nutar għandu jsemmi din iċ-ċirkustanza u jagħti r-raġuni. Fil-każ taħt eżami n-nutar Caruana, waqt li rrikonoxxa l-obligu tiegħu li jagħmel dik id-dikjarazzjoni, isostni li għamilha u li ta anki r-raġuni, billi fl-att jinsab imniżżel li l-venditur kien xtara l-fond xi tmienja u tletin sena qabel fl-atti tan-Nutar Farrugia minn għand ċertu Giovanni";

Ikkunsidrat;

Illi d-dikjarazzjoni fuq imsemmija bir-raġuni illi tiġġustifikaha hija meħtieġa mill-liġi mhux sempliċement għas-soddisfazzjon tan-nutar biex ikun jista' jippubblika l-att tal-bejgħ, iżda anki għall-Gvern biex ikun jista', per mezz ta' l-uffiċjali tiegħu, jikkontrolla l-veraċità tagħha. Hemm bżonn għalhekk, biex jiġi soddisfatt il-vot tal-liġi, li dik id-dikjarazzjoni bir-raġuni li għandha takkompanjaha tkun magħmula b'mod li jirriżultaw il-partikolaritajiet meħtieġa biex in bażi tagħhom tkun tista' ssir il-verifika tal-korrettezza tagħha. Fil-każ in eżami ma jistax jingħad li n-Nutar Giovanni Caruana għamel dak li kien obligat jagħmel skond il-liġi billi qal li l-venditur kien xtara l-fond "xi" 38 sena qabel fl-attijiet tan-Nutar Farrugia (mingħajr ma ta l-isem tiegħu), u minn għand ċertu Giovanni (mingħajr lanqas ma ta l-kunjom tiegħu). B'dawna l-partikolaritajiet mhux possibili li tiġi verifikata l-korrettezza tad-dikjarazzjoni li t-trasferiment mhux imponibili. Anzi, kif jidher mill-mod vag taċ-ċirkustanzi kif esposti min-nutar biex jiġġustifika dik id-dikjarazzjoni, huwa leċitu li jiġi ritenut li n-Nutar Caruana ma qagħadx jivverifika kif kien messu l-eżattezza ta' dawk iċ-ċirkustanzi;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' t-talba ta' l-Attorney General billi tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Notarili bħala Qorti Kolleġjali fis-17 ta' Ġunju 1949, f'dik il-parti fejn illiberat lin-nutar Giovanni Caruana mill-imputazzjoni li naqas li jagħti raġuni tajba għala l-fond ma kienx suġġett għall-imposta tas-suċċessjoni u donazzjoni fl-att minnu publikat imsemmi fir-rikors; u għalhekk tiddikjara l-istess Nutar Caruana ħati ta' dik il-kontravvenzjoni u tikkundannah iħallas lira (£1) bħala penali; bl-ispejjeż kontra tiegħu. U f'dan is-sens tirriforma l-imsemmija deċiżjoni tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet tan-Nutari.